TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 165

KAZ NRU 230

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Charles Calleja
u
Dolmen Hotel Company Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 23 ta' April, 1984

Chairman: Anth J Bartolo MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar l-20 ta' Decembru, 1982 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal iltaqgha tliet darbiet. Ghall-appellant Charles Calleja, deher is-Sur F Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-General Workers Union, u ghall-kumpanija Dolmen Hotel Company Limited deher is-Sur Hector Borg, ex-General Manager tal-kumpanija, awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi tad-ditta, bil-fakoltajiet kollha mehtiega biex jitratta dan il-kaz.

2. STATEMENTS OF CASE

(1) Ghall-appellant is-Sur F Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-General Workers Union, issottometta li t-tkeccija ta' Charles Calleja mill-impieg mid-Dolmen Hotel fit-28 t'Ottubru, 1982 ma kienitx ghal raguni gusta u sufficjenti u ghalhekk jitlob lit-Tribunal Industrijali jiddeciedi li Charles Calleja baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga.

.../2

Gie sottomess li l-Management kecca lil Charles Calleja ghax dan kien l-ahhar wiehed minn tlieta minn nies li kienu hergien il-barra mil-lukanda biex imorru d-dar u meta ra lis-Sur Richard Micallef ifittexilhom, telaq lura l-isfel u mar fil-kamra fejn ibiddlu l-impjegati. Il-Management qal ukoll li s-Sur Richard Micallef mar jigri wara Charles Calleja u sabu fil-kamra fejn wara hafna hin sab laned tat-tonn taz-zejt taht imhadda tas-sodda li fuqha jistriehu l-impjegati.

L-appellant issottometta li huwa telaq lura ghax beza li s-Sur Richard Micallef se jirrabja mieghu ghax kien baqa xi ftit tal-hin biex jispiccaw mix-xoghol u li meta s-Sur Micallef sejjahlu, hu baqa sejjer ghax ma semghux.

L-appellant issottometta li s-Sur Micallef qal li meta mar fil-kamra, fittex taht l-ewwel imhadda u wara li ma sab xejn, hareg barra biex ikompli jfittex u wara rega dahal fil-kamra, ra lil Charles Calleja jitbaxxa hdejn is-sodda, kompla jfittex u sab il-laned tat-tonn taz-zejt taht it-tieni mhadda. L-appellant issottometta wkoll li meta s-Sur Micallef dahal fil-kamra t-tieni darba, l-appellant kien diga hareg il-barra u ghalhekk jekk is-Sur Micallef ried jaqbad xi haga, kien imissu jfittex sewwa meta dahal l-ewwel darba fil-kamra u qabel ma l-appellant telaq biex imur lejn id-dar wara li s-Sur Micallef qallu li jista jmur.

L-appellant issotmmetta li ghalkemm is-Sur Micallef qal li ra lill-appellant hiereg b'basket mimli izda fil-kamra l-istess basket kien kwazi vojt, wiehed jista jitqarraq fuq basket jekk hux nofsu jew kwart mimli. Barra minnhekk, fl-istess kamra kien hemm zewg impjegati qeghdin ibiddlu u hadd minnhom ma ra lil-appellant diehel b'xi affarijiet jew ipoggi dawn l-affarijiet x'imkien. Hadd ma jista jghid li l-appellant, Charles Calleja, pogga l-laned taht l-imhadda billi kien hdejn is-sodda.

Fl-ahharnett, is-Sur F Coleiro ghall-appellant, issottometta li jekk hadd ma ra bil-fatti li l-appellant kellu l-laned fil-basket jew hadd ma rah ipoggi l-laned taht l-imhadda, hadd ma jista jakkuza lill-appellant, Charles Calleja, li l-laned kienu ghandu jew li poggiehom

hu taht l-imhadda specjalment meta l-laned instabu mis-Sur Micallef waqt li l-appellant kien diga hareg mil-lukanda.

Ghalhekk, is-Sur F Coleiro talab lit-Tribunal li jiddeciedi favur li l-appellant, Charles Calleja, ghandu jitqies li baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga.

(2) Is-Sur Hector Borg ghan-nom tal-kumpanija Dolmen Hotel Company Limited issottometta li l-impieg ta' Charles Calleja bhala kok fid-Dolmen Hotel gie tterminat fis-27 t'Ottubru, 1982 ghal ragunijiet dixxiplinari.

Is-Sur Hector Borg qal li fis-27 ta' Ottubru, 1982, is-Sur Richard Micallef, wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija, kien Duty Manager. Waqt li kienu hergien numru ta' haddiema mix-xoghol, is-Sur Micallef kien qieghed jaghmel xi 'spot checks'. Charles Calleja baqa lura wara ohrajn u hekk kif is-Sur Micallef mar biex ikellmu, Charles Calleja telaq jigri lejn ir-'rest room' tal-haddiema tal-lukanda. Is-Sur Micallef mar warajh u meta wasal fil-kamra sab lil Charles Calleja jirranga s-saqqu tas-sodda li tahtu sab mohbijien sitt laned tonn taz-zejt. Peress li Charles Calleja ma ta l-ebda spjegazzjoni ghal dan l-agir tieghu, il-kumpanija has-set li ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg ta' Charles Calleja b'effett immedjat.

Is-Sur Hector Borg qal li ftit jiem wara li kien gara l-kaz, il-kumpanija kellha diskussjonijiet ma ufficjali tal-General Workers Union li minnhom kien deher li l-Union ma kienitx ser topponi ghat-tkeccija ta' Charles Calleja.

Ghaldaqstant, il-kumpanija tissottometti bir-rispett li l-impieg ta' Charles Calleja gie tterminat ghal-raguni gusta u suf-ficjenti skond il-ligi.

3. DOKUMENTI

Fuq talba tat-Tribunal, is-Sur F Coleiro esebixxa kopja tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Union u l-kumpanija.

4. XHIEDA

(1) It-Tribunal semgha x-xhieda tal-persuni li jidru mnizzla hawn taht:

Mtellghin mill-Appellant

Is-Sur Michael Buhagiar

Is-Sur Raymond Fenech

Mtellghin mill-Appellant u mill-Kumpanija

Is-Sur Richard Micallef

Is-Sur Charles Calleja, l-appellant innifsu

(2) Kien hemm kontraversjoni shiha bejn ix-xhieda ta' Michael Buhagiar u Raymond Fenech. Izda, huwa car ghat-Tribunal li l-kontraversjoni hija ghaliex kienet haga difficli ghal Michael Buhagiar li jifhem il-mistoqsijiet u li isib manjiera kif iwiegeb tajjeb u jibqa fuq is-suggett. Fis-sustanza tal-kaz, it-tnejn qablu li nstabu laned tat-tonn taz-zejt mis-Sur Richard Micallef. Barra minnhekk, hafna mil-kontraversjonijiet bejn dawn iz-zewg xhieda gew iccarati mix-xhieda tas-Sur Richard Micallef.

(3) Is-Sur Richard Micallef xehed li waqt li hu, bhala Duty Manager, kien qieghed ifittex lill-impjegati waqt li kienu hergien biex imorru lejn id-dar, ra li Charles Calleja kellu 'basket' mimli tant li kien qieghed izommu minn fuq minnflokk mil-widnejn tieghu. Is-Sur Richard Micallef qal li f'daqqa wahda Charles Calleja telaq jigri lejn ir-'rest room' u hu mar warajh. Meta dahal fil-kmamar tas-serhan tal-impjegati, Charles Calleja kien fil-kamra ta' gewwa u hu fittex ta' malajr izda ma sab xejn. Perezz li hemm tieqa fil-kamra ta' gewwa, huwa ssuspetta li ntefghu xi affarijiet minnha ghal barra u ghalhekk mar jara hemmx xi haga. Huwa ma sab xejn u rega lura fil-kmarar u ghamel tfittxija ahjar u sab sitt laned tat-tonn taz-zejt taht l-imhadda li kien hemm fuq is-sodda fil-kamra ta' gewwa fejn meta dahal l-ewwel darba sab lil Charles Calleja. Peress li Charles Calleja qabad u talaq il-barra meta hu (Richard Micallef) kien hareg ifittex barra, is-Sur Richard Micallef bghat lil Michael Buhagiar ghalih u wara li qallu x'sab, keccieh. Is-sitt laned tat-

tonn taz-zejt rawhom Michael Buhagiar u Raymond Fenech f'idejn is-Sur Richard Micallef meta hareg mil-kamra ta' gewwa ghall-ewwel kamra fejn kienu huma.

(4) Charles Calleja qal li hu telaq lura ghaliex beza li s-Sur Richard Micallef se jirrabja mieghu ghax kien hiereg qabel il-hin. Charles Calleja qal li meta wasal is-Sur Richard Micallef fir-'rest rooms', saqsieh biex jara x'ghandu u hu (Charles Calleja) qallu biex jara fil-basket. Is-Sur Richard Micallef beda jfittex fil-kamra ta' gewwa (it-tieni kamra) u wara fil-kamra ta' barra (l-ewwel kamra) u ma sab xejn. Charles Calleja qal li hu saqsa x' x'jaghmel u wara li s-Sur Richard Micallef qallu 'all right', qabad u telaq il-barra. Kif kien sejjer jirkeb il-van, Michael Buhagiar qallu li s-Sur Richard Micallef irridu. Meta rega dahal u mar hdejn is-Sur Micallef, dan qallu: "Hawn arhom sur galantom". Charles Calleja qal li rrisponda: "Jiena ghamiltom hemm? Inti fittixt quddiemi u ma sibt xejn; allura se twahhal fija?" Hawnhekk, is-Sur Richard Micallef qallu biex jitlaq u l-ghada jmur ghal ktieb tax-xoghol.

Charles Calleja qal li hu darba biss semgha lis-Sur Richard Micallef ghidilhom li jistghu imorru d-dar. Huwa qal ukoll li l-van kien jistenniehom wara l-bieb u li hu ma jafx min icempel biex il-van jigi halli jiehu l-impjegati tal-kumpanija d-dar.

Fuq mistoqsijiet maghmula mit-Tribunal, Charles Calleja qal li:

(a) il-van sabu lest wara l-bieb tal-lukanda x'hin hareg meta baghtu s-Sur Richard Micallef;

(b) l-Management kienu jafu li l-impjegati kienu se johorgu dak il-hin;

(c) hu (Charles Calleja) ma jafx isuq u wara x-xhift ta' fil-ghaxija, bilfors bil-van tal-kumpanija ried imur id-dar;

(d) meta kienu hergien, hu (Charles Calleja) hasbu se jaghjjat ma l-ohrajn u ma ghajjatx;

(e) hu (Charles Calleja) ippancja fid-9.35 p.m.

5. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

(1) Is-Sur F Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-General Workers' Union, ghan-nom ta' l-appellant, Charles Calleja, issottometta li l-Kumpanija waslet ghall-allegazzjoni li Charles Calleja seraq sitt laned tat-tonn taz-zejt, li jiswew madwar 60c0 il-wahda, fuq fil-fatt li Charles Calleja kien hiereg mix-xoghol u kif ra lis-Sur Richard Micallef, Direttur tal-Kumpanija u li dak in-nhar kien Duty Manager, Charles Calleja mar lura fil-kamra fejn ibiddlu l-haddiema.

Is-Sur F Coleiro issottometta li ma giex ipprovat li Charles Calleja kellu l-laned tat-tonn taz-zejt fil-basket u ma kien hemm hadd li ra lil Charles Calleja jpoggi l-laned tat-tonn taz-zejt taht is-saqqu jew taht l-imhadda jew jaghmel xi haga f'dan is-sens u jekk is-Sur Richard Micallef sab il-laned taht xi haga, ma jistghax jiddikjara li kien Charles Calleja li poggiehom jew kienx xi hadd iehor li ghamel dan.

Punt importanti, qal is-Sur F Coleiro hu li fl-ewwel tfitt-xija meta kien prezenti Charles Calleja, ma nstab xejn u l-laned tat-tonn taz-zejt instabu waqt it-tieni tfittxija, wara li kemm is-Sur Richard Micallef u kif ukoll Charles Calleja hargu barra mil-kmamar. Kif instabu l-laned fit-tieni tfittxija hemm misteru u dubju u dan id-dubju ghandu jmur favur l-appellant.

Is-Sur F Coleiro bir-rispett talab lit-Tribunal jiddikjara favur it-talba li Charles Calleja ma kellux jitkecca u ghandu jit-qies li baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li hu dovut lejh. Izda minhabba c-cirkostanzi li l-Lukanda kienet ghalqet u l-impjegati kollha li kien baqa fl-impieg gew iddikjarati 'redundant' Charles Calleja ghandu jinghata kumpens xieraq ghaz-zmien minn meta tkecca sakemm giet biex taghlaq il-lukanda.

(2) Is-Sur Hector Borg, ghan-nom tad-Dolmen Hotel Company Ltd issottometta li mix-xhieda ta' Raymond Fenech ikkonfermata mix-xhieda ta' l-appellant in-nifsu, Charles Calleja meta rega mar lura fil-kmamar tal-mistrieh tal-impjegati, ma waqafx hdejn shabu fl-ewwel

kamra, izda baqa diehel fit-tieni kamra. Is-Sur Richard Micallef ikkonferma dan fix-xhieda tieghu meta qal li meta wasal fir-'rest rooms', sab lil Michael Buhagiar u lil Raymond Fenech fl-ewwel kamra u lil Charles Calleja wahdu hdejn is-sodda fit-tieni kamra.

Is-Sur Richard Micallef xehed li l-bieb ta' bejn l-ewwel u t-tieni kamra kien jinfetah lejn il-lemin u li ma kienx jinfetah kollu. Dan gie kkonfermat minn Raymond Fenech, li zied jghid li l-bieb ma kienx jista jibqa miftuh. Izda l-appellant, Charles Calleja, xehed li l-bieb kien jiftah fuq ix-xellug u kien jinfetah kollu.

Charles Calleja u Richard Micallef qablu fuq id-distanza li kien hemm bejnithom meta s-Sur Richard Micallef kien qieghed jaghmel li 'spot checks'. Infatti, Charles Calleja ikkonferma li Richard Micallef kien vicin bizzejjed li seta jara lil Charles Calleja tajjeb.

Charles Calleja ddeskriva tajjeb kif ghajjatlu s-Sur Richard Micallef, jigifieri darbtejn. 'Charlie, Charlie', izda Charles Calleja qal li hu ftakar dan mhux ghax semghu izda ghax is-Sur Richard Micallef qallu dan id-diskors meta rah isfel.

Raymond Fenech xehed darbtejn li semgha lis-Sur Richard Micallef jghid lil Charles Calleja biex jistenna hemm (fil-kmamar) qabel ma hareg biex fittex taht it-tieqa. Izda Charles Calleja qal li s-Sur Richard Micallef qallu biex jitlaq.

Ix-xuffier tal-van, Leli, kien icempillu ir-'Receptionist' fuq l-istruzzjoni tal-Management biex jigi ghal-impjegati. Il-Management kien jghid il-kokijiet biex jitilqu. Dak in-nhar tal-kaz ma kienitx xi eccezzjoni ghax kulhadd nizel ibiddel. Fil-fatt, Charles Calleja ikkonferma li qablu hargu shabu, iz-zewg kokijiet. Allura, Charles Calleja ma kellux minn x'hiex jibza li kien hiereg bhal haddiehor.

Il-gravita tar-reat harget mil-biza li hakmet lil Charles Calleja li gera lura ghal-kamra hekk kif induna li d-Duty Manager se jaghmel 'spot checks' haga li ma kienitx issir ta' klujum.

Is-Sur Richard Micallef kien ikollu hafna xhieda kieku Charles Calleja ma telaqx jigri l-isfel u mar gol-kamra wahdu meta kwazi l-istaff kollu kien diga hareg biex imur lejn id-dar bil-barka tas-Sur Richard Micallef.

Is-Sur Richard Micallef xehed li Michael Buhagiar u Raymond Fenech qalulu li Charles Calleja kien talabhom biex ma jghidu xejn fuq dak li raw biex ma jikxfuhx.

Is-Sur Hector Borg issottometta li l-hin ma kellux x'jaqsam mal-fatt li Charles Calleja ma baqax hiereg. Dan hareg car daqs il-kristal mix-xhieda ta' Charles Calleja stess meta rrisponda mistoqsija tat-Tribunal u qal: 'Hsiebtu ser jaghjjat ma l-ohrajn u ma ghajjatx hux'. Ghalhekk x'zamm lil Charles Calleja li ma johrogx warajhom?

Ghaldaqstant, il-kumpanija tirreteni lit-tkeccija mill-impieg ta' Charles Calleja kienet gusta.

6. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

(1) It-Tribunal, wara li studja l-kaz kif ipprezentat miz-zewg partijiet u fela bir-reqqa kollha dak li qalu x-xhieda, anki fil-konfront taghhom fejn ma qablux, jirriteni li l-appellant, Charles Calleja, ma marx lura lejn ir-'rest rooms' ghax beza li d-Duty Manager se jirrabja mieghu minhabba li kien hiereg kmieni, izda ghal raguni ohra. Dan jidher car mix-xhieda ta' l-appellant in-nifsu.

(2) L-appellant, Charles Calleja, naqas li jaghti spjegazzjoni ghaliex telaq jigri lejn ir-'rest rooms' minnflok ma baqa fil-'queue' wara shabu biex imur lejn il-van li kien se johodhom id-dar wara x-xoghol, specjalment meta hu kien diga ppancja u ghalhekk lest biex jitlaq kif kieneu ga ghamlu x'uhud minn shabu.

(3) Mix-xhieda huwa car li l-appellant ghadda mill-ewwel kamra u baqa diehel fit-tieni kamra fejn sabu wahdu d-Direttur tal-kumpanija u Duty Manager fit-28 ta' Ottubru, 1982 u fejn instabu is-sitt laned tat-tonn taz-zejt kif raw zewg xhieda li kienu fir-'rest rooms' waqt it-tfittxija.

.../9

(4) L-appellant, Charles Calleja, telaq il-barra miz-zewg kmamar meta d-Duty Manager mar ifittex barra t-tieqa tat-tieni kamra minnflok ma baqa hemm halli jaccerta ruhu mir-rizultat. Anki kieku d-Duty Manager baghtu kif qal l-appellant, huwa jmissu nsista li jibqa biex ikun jista jipprova l-innocenza tieghu mill-allegazjoni kontrieh.

(5) Il-hin li d-Duty Manager ha biex fittex barra t-tieqa tat-tieni kamra ma kienx tant li wiehed jista jikkonsidra li kien hemm zewg tfittxijiet separati u mhux wahda.

7. DECIZZJONI

It-Tribunal ma jsibx favur l-appellant u ddecida li tkeccija ta' Charles Calleja minn mad-Dolmen Hotel Company Limited fit-28 ta' Ottubru, 1982 kienet ghal raguni gusta u ghalhekk l-appellant ma ghandu l-ebda dritt ghal xi kumpens.

Permess ta' din is-sentenza, it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 23 ta' April, 1984

ja